**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 375/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Meli Paula Antonia (ID Nru. 25684(G))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmintax (18) t'Awwissu, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija u seba' euros u tletin centezmi (€1707.30) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40327068 li gew prestati mis-socjeta` attrici lill-konvenuta, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 646/16 u bl-imghaxijiet legali sa mid-19 t' April, 2016 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenuta ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Ra li permezz tan-nota prezentata seduta stante s-socjeta` attrici cediet il-kawza fir-rigward tas-sorte stante hlas fil-mori imma zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensur legali tas-socjeta` attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi madanakollu s-sorta gie minnha mhallas tant illi giet moqrija u prezentata n-nota ta' cessjoni relattiva mid-difensur legali tas-socjeta` attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub m'ghadux dovut mill-intimata salv l-imghaxijiet u l-ispejjez u drittijiet legali.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal ser jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba sakemm din tirrigwardja s-sorte stante l-pagament li sar fil-mori.

Illi fir-rigward tal-ispejjez u drittijiet legali jirrizulta li l-ammont mitlub kien ukoll mertu ta' ittra ufficjali mahruga mis-socjeta` attrici datata 19 t' April, 2016 (fol. 7 tal-process), liema ittra ufficjali ma gietx notifikata lill-intimata u kien in segwitu ghal tali interpellazzjoni li s-socjeta` attrici procediet permezz tal-azzjoni odjern.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. Huwa car li, skont il-ligi, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data illi fiha d-debitur ikun gie a konjizzjoni tat-talba maghmulha fil-konfront tieghu b'mod ufficjali u kwindi jonqos milli jhallas l-addebitu. F'dan il-kaz allura l-ewwel interpellazzjoni, kontenuta fl-avviz odjern, giet notifikata lill-konvenuta fit-28 ta' Settembru, 2017 u allura t-Tribunal ser jordna li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenuta jibdew jiddekorru minn tali data sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici sakemm din tirrigwardja s-sorte stante l-hlas fil-mori u l-konsegwenti nota ta' cessjoni, jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici l-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 646/16 u l-imghaxijiet legali fuq is-sorte sa mit-28 ta' Settembru, 2017 data tan-notifika tal-avviz odjern kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**